



**2023/0108(COD)**

21.9.2023

# **EMENDI 17 - 52**

**Abbozz ta' rapport**  
**Josianne Cutajar**  
(PE752.802v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/881 fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti

Proposta għal regolament  
(COM(2023)0208 – C9-0137/2023 – 2023/0108(COD))



**Emenda 17**  
**Evžen Tošenovský**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Is-servizzi tas-sigurtà ġestiti, servizzi li jikkonsistu fit-tweġġ ta' attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà tal-klijenti tagħhom, jew fl-ġħoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, kisbu importanza dejjem akbar fil-prevenzjoni u fil-mitigazzjoni tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà. Għaldaqstant, il-fornituri **ta' dawk is-servizzi** jitqiesu bħala entitajiet essenzjali jew importanti li jappartjenu għal settur ta' kritikalità għolja skont **id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>**. Skont il-Premessa 86 ta' dik id-Direttiva, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti f'oqsma bħar-rispons għall-inċidenti, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza, jaqdu rwol partikolarment importanti biex jassistu lill-entitajiet fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu, jidentifikaw, jirrispondu jew jirkupraw mill-inċidenti. Madankollu, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti kienu huma stess fil-mira ta' attacchi ċibernetiċi u dan joħloq riskju partikolari minħabba l-integrazzjoni mill-qrib tagħhom fl-operazzjonijiet tal-klijenti tagħhom. Għalhekk l-entitajiet essenzjali u importanti skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2022/2555 jenħtieġ li jeżerċitaw aktar diliġenza fl-għażla tal-fornitur tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti.

---

<sup>8</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell

*Emenda*

(2) Is-servizzi tas-sigurtà ġestiti **huma** servizzi **pprovduti mill-fornituri ta' servizzi tas-sigurtà ġestiti skont il-punt (40) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawk is-servizzi** li jikkonsistu fit-tweġġ ta' attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà tal-klijenti tagħhom, jew fl-ġħoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, kisbu importanza dejjem akbar fil-prevenzjoni u fil-mitigazzjoni tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà. Għaldaqstant, il-fornituri **ta' servizzi tas-sigurtà ġestiti** jitqiesu bħala entitajiet essenzjali jew importanti li jappartjenu għal settur ta' kritikalità għolja **skont il-punt 10 tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/2555**. Skont il-Premessa 86 ta' dik id-Direttiva, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti f'oqsma bħar-rispons għall-inċidenti, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza, jaqdu rwol partikolarment importanti biex jassistu lill-entitajiet fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu, jidentifikaw, jirrispondu jew jirkupraw mill-inċidenti. Madankollu, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti kienu huma stess fil-mira ta' attacchi ċibernetiċi u dan joħloq riskju partikolari minħabba l-integrazzjoni mill-qrib tagħhom fl-operazzjonijiet tal-klijenti tagħhom. Għalhekk l-entitajiet essenzjali u importanti skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2022/2555 jenħtieġ li jeżerċitaw aktar diliġenza fl-għażla tal-fornitur tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti.

---

<sup>8</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell

għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

Or. en

## Emenda 18

**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skyttedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

### Proposta għal regolament

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Is-servizzi tas-sigurtà ġestiti, servizzi li jikkonsistu fit-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà tal-klijenti tagħhom, jew fl-għoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, kisbu importanza dejjem akbar fil-prevenzjoni u fil-mitigazzjoni tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà. Għaldaqstant, il-fornituri ta' dawk is-servizzi jitqiesu bħala entitajiet essenzjali jew importanti li jappartjenu għal settur ta' kritikalità għolja skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>. Skont il-Premessa 86 ta' dik id-Direttiva, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti f'oqsma bħar-rispons għall-inċidenti, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza, jaqdu rwol partikolarment importanti biex jassistu lill-entitajiet fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu, jidentifikaw, jirrispondu jew jirkupraw mill-inċidenti. Madankollu, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti kienu huma stess fil-mira ta' attacchi ċibernetiċi u dan joħloq riskju partikolari minħabba l-integrazzjoni mill-qrib tagħhom fl-operazzjonijiet tal-klijenti tagħhom. Għalhekk l-entitajiet essenzjali u importanti skont it-tifsira tad-Direttiva

##### *Emenda*

(2) Is-servizzi tas-sigurtà ġestiti, servizzi li jikkonsistu fit-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà tal-klijenti tagħhom, jew fl-għoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, **inklużi l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-inċidenti u r-rispons għalihom u l-irkupru minnhom**, kisbu importanza dejjem akbar fil-prevenzjoni u fil-mitigazzjoni tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà. Għaldaqstant, il-fornituri ta' dawk is-servizzi jitqiesu bħala entitajiet essenzjali jew importanti li jappartjenu għal settur ta' kritikalità għolja skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>. Skont il-Premessa 86 ta' dik id-Direttiva, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti f'oqsma bħar-rispons għall-inċidenti, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza, jaqdu rwol partikolarment importanti biex jassistu lill-entitajiet fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu, jidentifikaw, jirrispondu jew jirkupraw mill-inċidenti. Madankollu, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti kienu huma stess fil-mira ta' attacchi ċibernetiċi u dan joħloq riskju partikolari minħabba l-integrazzjoni mill-qrib tagħhom fl-operazzjonijiet tal-

(UE) 2022/2555 jenħtieġ li jeżerċitaw aktar diliġenza fl-għażla tal-fornitur tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti.

klijenti tagħhom. Għalhekk l-entitajiet essenzjali u importanti skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2022/2555 jenħtieġ li jeżerċitaw aktar diliġenza fl-għażla tal-fornitur tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti.

---

<sup>8</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

---

<sup>8</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

Or. en

## **Emenda 19** **Evžen Tošenovský**

### **Proposta għal regolament** **Premessa 3**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-fornituri **tas-servizzi** tas-sigurtà ġestiti jaqdu rwol importanti wkoll fir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE li t-twaqqif gradwali tagħha hu appoġġat mir-Regolament (UE) .../... li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE trid tintuża biex tappoġġa azzjonijiet tar-rispons u tal-irkupru immedjat f'każ ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira. Ir-Regolament (UE) .../... li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà jistabbilixxi proċess tal-għażla għall-fornituri li jiffurmaw ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-

#### *Emenda*

(3) Il-fornituri **ta' servizzi** tas-sigurtà ġestiti jaqdu rwol importanti wkoll fir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE li t-twaqqif gradwali tagħha hu appoġġat mir-Regolament (UE) .../... li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE trid tintuża biex tappoġġa azzjonijiet tar-rispons u tal-irkupru immedjat f'każ ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira. Ir-Regolament (UE) .../... li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà jistabbilixxi proċess tal-għażla għall-fornituri **fdati ta' servizzi tas-sigurtà ġestiti** li jiffurmaw ir-

UE, li jenħtieġ li, fost l-oħrajn, iqis jekk il-fornitur ikkonċernat ikunx kiseb ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà Ewropea jew nazzjonali. **Is-servizzi rilevanti pprovduti mill-“fornituri affidabbli” skont ir-Regolament (UE) ..../... li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà jikkorrispondu għal “servizzi tas-sigurtà ġestiti”** f’konformità ma’ **dan ir-Regolament.**

Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, li jenħtieġ li, fost l-oħrajn, iqis jekk il-fornitur ikkonċernat ikunx kiseb ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà Ewropea jew nazzjonali. **Barra minn hekk, ladarba tkun fis-seħħ skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għal servizz tas-sigurtà ġestit, li tissostitwixxi wkoll l-iskemi nazzjonali rilevanti kollha taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, jenħtieġ li tapplika ċertifikazzjoni obbligatorja f’konformità ma’ dik l-iskema ta’ ċertifikazzjoni għall-inklużjoni tal-fornituri fdati ta’ servizzi tas-sigurtà ġestiti fir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE.**

Or. en

## **Emenda 20** **Johan Nissinen**

### **Proposta għal regolament** **Premessa 4**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Iċ-ċertifikazzjoni tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti mhix rilevanti biss fil-proċess tal-għażla għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE iżda hi wkoll indikatur tal-kwalità essenzjali għall-entitajiet privati u pubbliċi li jkun beħsiebhom jixtru tali servizzi. Fid-dawl tal-kritikalità tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti u s-sensittività tad-data li jipproċessaw, iċ-ċertifikazzjoni tista’ tipprovdi gwida u assigurazzjoni importanti lill-klijenti potenzjali dwar l-affidabbiltà ta’ dawn is-servizzi. L-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti jikkontribwixxu biex tkun evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern.

#### *Emenda*

(4) Iċ-ċertifikazzjoni tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti mhix rilevanti biss fil-proċess tal-għażla għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE iżda hi wkoll indikatur tal-kwalità essenzjali għall-entitajiet privati u pubbliċi li jkun beħsiebhom jixtru tali servizzi. Fid-dawl tal-kritikalità tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti u s-sensittività tad-data li jipproċessaw, iċ-ċertifikazzjoni tista’ tipprovdi gwida u assigurazzjoni importanti lill-klijenti potenzjali dwar l-affidabbiltà ta’ dawn is-servizzi. L-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti jikkontribwixxu biex tkun evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern. **Fl-istess ħin, dawn l-għanijiet multipli tar-regolament jenħtieġ li jsibu bilanċ mal-piż u l-ispejjeż regolatorji potenzjali assoċjati maċ-**

*ċertifikazzjoni, peress li l-konformità mar-  
rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni se tinvolvi  
spejjeż addizzjonali u sforzi  
amministrattivi, li jistgħu jkunu ta'  
tħassib għal fornituri iżgħar.*

Or. en

**Emenda 21**  
**Ville Niinistö**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Peress li s-suq u s-sistemi  
edukattivi joffru varjetà ta' riżorsi  
edukattivi u taħriġ formali, għandu jiġi  
enfusizzat li l-għarfien jinkiseb ukoll  
b'modi mhux formali u l-ħiliet jistgħu  
jintwerew permezz ta' lawrji u  
ċertifikazzjoni iżda mhux esklużivament.  
Speċjalment fix-xenarju ta' theddid  
attwali li qed jevolvi malajr, l-Istati  
Membri u l-benefiċjarji ta' servizzi tas-  
sigurtà ġestiti jenħtieġ li jqisu r-  
riċerkaturi b'livell għoli ta' ħiliet li  
jagħmlu riċerka dwar il-vulnerabbiltajiet.  
Barra minn hekk, l-entitajiet u l-persuni  
fiżiċi li jagħmlu riċerka dwar il-  
vulnerabbiltajiet jistgħu, f'xi Stati  
Membri, ikunu esposti għal  
responsabbiltà kriminali u ċivili, għalhekk  
l-Istati Membri huma mħeġġa jgħorġu  
linji gwida għan-nonprosekuzzjoni tar-  
riċerka dwar is-sigurtà tal-informazzjoni  
u għal eċċezzjoni għar-responsabbiltà  
ċivili għal dawk l-attivitajiet.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ix-xenarju tal-professjonisti tas-sigurtà jvarja parzjalment minħabba perkorsi ta' karriera  
mhux standardizzati differenti, aċċess għall-edukazzjoni formali u riżorsi biex jiġu*

*ċertifikati. Għalhekk jeħtieġ li nħeġġu l-impjieg ta' persuni tas-sengħa u niżguraw qafas pożittiv għal attivitajiet li jirriżultaw f'titjib taċ-ċibersigurtà.*

**Emenda 22**  
**Josianne Cutajar**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a)** *L-iskema taċ-ċertifikazzjoni tal-Unjoni għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti jenħtieġ li tiżgura d-disponibbiltà ta' servizzi siguri u ta' kwalità għolja li jiggarrantixxu tranżizzjoni diġitali sikura u jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri stabbiliti fil-Perkors lejn il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali<sup>8a</sup>, speċjalment fir-rigward tal-għan li 75 % tal-kumpaniji tal-UE jibdew jużaw il-Cloud/AI/Big Data, li aktar minn 90 % tal-SMEs jilħqu mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali u li s-servizzi pubbliċi ewlenin jiġu offruti online.*

---

<sup>8a</sup> *Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali.*

Or. en

**Emenda 23**  
**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skytvedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a)** *L-iskemi Ewropej taċ-*



*ċertifikazzjoni għas-servizzi tas-sigurtà  
ġestiti jenħtieġ li jiffaċilitaw l-użu ta'  
dawn is-servizzi, b'mod partikolari għal  
entitajiet iżgħar, inklużi l-awtoritajiet  
lokali u reġjonali jew l-SMEs, li spiss ma  
jkollhomx il-kapaċità finanzjarja u  
umana li jwettqu dawn is-servizzi  
waħedhom, iżda huma vulnerabbli għal  
attakki ċibernetiċi b'konsegwenzi  
potenzjalment sinifikanti.*

Or. en

**Emenda 24**  
**Josianne Cutajar**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Minbarra l-użu tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT jew tal-proċessi tal-ICT, is-servizzi tas-sigurtà ġestiti spiss jipprovdu karatteristiċi ta' servizz addizzjonali li jistrieħu fuq il-kompetenzi, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-persunal tagħhom. Livell għoli ħafna ta' dawn il-kompetenzi, għarfien espert u esperjenza kif ukoll proċeduri interni xierqa jenħtieġ li jkunu parti mill-obiettivi tas-sigurtà biex tkun żgurata kwalità għolja ħafna tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti pprovduti. Biex ikun żgurat li l-aspetti kollha tas-servizz tas-sigurtà ġestit ikunu jistgħu jiġu koperti bi skema taċ-ċertifikazzjoni, ir-Regolament (UE) 2019/881 jeħtieġ jiġi emendat. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [JJ/XX/SSSS],

*Emenda*

(5) Minbarra l-użu tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT jew tal-proċessi tal-ICT, is-servizzi tas-sigurtà ġestiti spiss jipprovdu karatteristiċi ta' servizz addizzjonali li jistrieħu fuq il-kompetenzi, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-persunal tagħhom. Livell għoli ħafna ta' dawn il-kompetenzi, għarfien espert u esperjenza kif ukoll proċeduri interni xierqa jenħtieġ li jkunu parti mill-obiettivi tas-sigurtà biex tkun żgurata kwalità għolja ħafna tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti pprovduti. Biex ikun żgurat li l-aspetti kollha tas-servizz tas-sigurtà ġestit ikunu jistgħu jiġu koperti bi skema taċ-ċertifikazzjoni, ir-Regolament (UE) 2019/881 jeħtieġ jiġi emendat. ***L-iskema taċ-ċertifikazzjoni stabbilita skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tqis ukoll ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni u r-rieżami previsti fl-Artikolu 67 tiegħu.*** Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi

## Emenda 25

Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skytvedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan

### Proposta għal regolament

#### Premessa 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Minbarra l-użu tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT jew tal-proċessi tal-ICT, is-servizzi tas-sigurtà ġestiti spiss jipprovdu karatteristiċi ta' servizz addizzjonali li jistrieħu fuq il-kompetenzi, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-persunal tagħhom. Livell għoli ħafna ta' dawn il-kompetenzi, għarfien espert u esperjenza kif ukoll proċeduri interni xierqa jenħtieġ li jkunu parti mill-objettivi tas-sigurtà biex tkun żgurata kwalità għolja ħafna tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti pprovduti. Biex ikun żgurat li l-aspetti kollha tas-servizz tas-sigurtà ġestit ikunu jistgħu jiġu koperti bi skema taċ-ċertifikazzjoni, ir-Regolament (UE) 2019/881 jeħtieġ jiġi emendat. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [JJ/XX/SSSS],

##### *Emenda*

(5) Minbarra l-użu tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT jew tal-proċessi tal-ICT, is-servizzi tas-sigurtà ġestiti spiss jipprovdu karatteristiċi ta' servizz addizzjonali li jistrieħu fuq il-kompetenzi, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-persunal tagħhom. Livell għoli ħafna ta' dawn il-kompetenzi, għarfien espert u esperjenza kif ukoll proċeduri interni xierqa jenħtieġ li jkunu parti mill-objettivi tas-sigurtà biex tkun żgurata kwalità għolja ħafna **u affidabbiltà** tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti pprovduti. Biex ikun żgurat li l-aspetti kollha tas-servizz tas-sigurtà ġestit ikunu jistgħu jiġu koperti bi skema taċ-ċertifikazzjoni, ir-Regolament (UE) 2019/881 jeħtieġ jiġi emendat. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [JJ/XX/SSSS],

## Emenda 26

Evžen Tošenovský

### Proposta għal regolament

#### Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Minbarra l-użu tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT jew tal-proċessi tal-ICT, is-servizzi tas-sigurtà ġestiti spiss jipprovdu karatteristiċi ta' servizz addizzjonali li jistrieħu fuq il-kompetenzi, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-persunal tagħhom. Livell għoli ħafna ta' dawn il-kompetenzi, għarfien espert u esperjenza kif ukoll proċeduri interni xierqa jenħtieġ li jkunu parti mill-oġettivi tas-sigurtà biex tkun żgurata kwalità għolja ħafna tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti pprovduti. Biex ikun żgurat li l-aspetti kollha tas-servizz tas-sigurtà ġestit ikunu jistgħu jiġu koperti bi skema taċ-ċertifikazzjoni, ir-Regolament (UE) 2019/881 jeħtieġ jiġi emendat. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [JJ/XX/SSSS],

*Emenda*

(5) Minbarra l-użu tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT jew tal-proċessi tal-ICT, is-servizzi tas-sigurtà ġestiti spiss jipprovdu karatteristiċi ta' servizz addizzjonali li jistrieħu fuq il-kompetenzi, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-persunal tagħhom. Livell għoli ħafna ta' dawn il-kompetenzi, għarfien espert u esperjenza kif ukoll proċeduri interni xierqa jenħtieġ li jkunu parti mill-oġettivi tas-sigurtà biex tkun żgurata kwalità għolja ħafna tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti pprovduti. Biex ikun żgurat li l-aspetti kollha tas-servizz tas-sigurtà ġestit ikunu jistgħu jiġu koperti bi skema taċ-ċertifikazzjoni **dedikata**, ir-Regolament (UE) 2019/881 jeħtieġ jiġi emendat. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [JJ/XX/SSSS],

Or. en

**Emenda 27**

**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skyttedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

**Proposta għal regolament  
Premessa 5a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5a) Peress li l-iskemi Ewropej taċ-ċibersigurtà jenħtieġ li jiċċertifikaw li s-servizzi tas-sigurtà ġestiti huma pprovduti minn persunal b'livell għoli ta' ħiliet li jkun kapaċi jipprovidi dawn is-servizzi b'mod affidabbli u jiżgura l-ogħla standards taċ-ċibersigurtà, huwa imperattiv li jkun hemm disponibbiltà suffiċjenti ta' persunal bi kwalifiki għoljin fl-Unjoni. Madankollu, l-Unjoni qed**

*tħabbat wiċċha ma' distakk tat-talent, ikkaratterizzat minn skarsezza ta' professjonisti tas-sengħa, u xenarju ta' theddid li qed jevolvi malajr kif rikonoxxut fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2023 dwar l-Akkademja tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà. Huwa importanti li dan id-distakk tat-talent jitnaqqas billi jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati differenti, inklużi s-settur privat, l-akkademja, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-ENISA biex jiżdiedu u jinħolqu sinerġiji għall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-ippoġġ għal inizzjattivi ta' riċerka u innovazzjoni, l-iżvilupp u r-rikonoxximent reċiproku ta' standards komuni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà, inkluż permezz tal-Qafas Ewropew għall-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jiffaċilita wkoll il-mobbiltà tal-professjonisti taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni.*

Or. en

**Emenda 28**  
**Johan Nissinen**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5a) Peress li l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni se jżidu l-kumplessità f'xenarju regolatorju diġà kumpless, huwa ta' importanza kritika li jiġu evitati duplikazzjonijiet jew kunflitti potenzjali mar-regolamenti u l-istandards eżistenti taċ-ċibersigurtà. Jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' kunsiderazzjoni bir-reqqa u proporzjonalità fl-implimentazzjoni tar-regolament, sabiex jitnaqqsu l-effetti negattivi fuq il-libertà tas-suq u l-*

*innovazzjoni.*

Or. en

**Emenda 29**  
**Josianne Cutajar**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5a) Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati finanzjament u riżorsi xierqa biex jakkumpanjaw il-kompiti addizzjonali fdati lill-ENISA b'dan l-Att.**

Or. en

**Emenda 30**  
**Evžen Tošenovský**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) il-punti 9, 10 u 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

(a) il-punti 7, 9, 10 u 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

Or. en

**Emenda 31**  
**Evžen Tošenovský**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 2 – punt 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7) “trattament tal-inċident” tfisser it-**

*trattament tal-inċident kif definit fil-punt  
(8) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE)  
2022/2555;*

Or. en

**Emenda 32**  
Evžen Tošenovský

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) *jiddaħħal il-punt li ġej:*

(b) *jiddaħħlu l-punti li ġejjin:*

Or. en

**Emenda 33**  
Evžen Tošenovský

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 2 – punt 7a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7a) “riskju” tfisser riskju kif definit  
fil-punt (9) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva  
(UE) 2022/2555;*

Or. en

**Emenda 34**  
Evžen Tošenovský

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 2 – punt 14a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(14a) “servizz tas-sigurtà ġestit” tfisser servizz **li jikkonsisti fit-twettiq ta’ attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà, jew fl-ġhoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, inkluż ir-rispons għall-inċidenti, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza;**

(14a) “servizz tas-sigurtà ġestit” tfisser servizz **tas-sigurtà ġestit skont it-tifsira tal-punt (40) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2022/2555;**

Or. en

**Emenda 35**

**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skyttedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 2 – punt 14a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(14a) “servizz tas-sigurtà ġestit” tfisser servizz li jikkonsisti fit-twettiq ta’ attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà, jew fl-ġhoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, **inkluż** ir-rispons għall-inċidenti, **l-ittestjar tal-penetrazzjoni, l-awditjar tas-sigurtà u l-konsulenza;**

(14a) “servizz tas-sigurtà ġestit” tfisser servizz **ġestit** li jikkonsisti fit-twettiq ta’ attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà, jew fl-ġhoti tal-assistenza għal dawk l-attivitajiet, **inklużi l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-inċidenti**, ir-rispons għall-inċidenti, **jew l-irkupru mill-inċidenti;**

Or. en

**Emenda 36**

**Evžen Tošenovský**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 2 – punt 14aa

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14aa) “fornitur ta’ servizz tas-sigurtà ġestit” tfisser fornitur ta’ servizz tas-sigurtà ġestit kif definit fil-punt (40) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2022/2555;**

Or. en

**Emenda 37**

**Ville Niinistö**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 47 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-programm ta’ ħidma kontinwu tal-Unjoni għandu b’mod partikolari jinkludi lista tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT u tal-proċessi tal-ICT jew il-kategoriji tagħhom, u tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, li jistgħu jibbenefikaw jekk jiġu inklużi fl-ambitu ta’ skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà.

2. Il-programm ta’ ħidma kontinwu tal-Unjoni għandu b’mod partikolari jinkludi lista tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT u tal-proċessi tal-ICT jew il-kategoriji tagħhom, u tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, li jistgħu jibbenefikaw jekk jiġu inklużi fl-ambitu ta’ skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà. ***Miżuri ta’ appoġġ biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet għal impjegati tas-sengħa, it-tipi ta’ ħiliet, il-perkorsi ta’ taħriġ eżistenti jridu jiġu inklużi flimkien ma’ miżuri biex titnaqqas kwalunkwe lakuna identifikata.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżerċizzju biex jiġu identifikati l-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT u l-proċessi tal-ICT jew il-kategoriji tagħhom u s-servizzi tas-sigurtà ġestiti jrid ikun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-ħiliet u miżuri biex jitnaqqsu l-lakuni.*

**Emenda 38**

**Bart Groothuis, Alin Mituța, Ivars Ijabs, Andrus Ansip, Morten Løkkegaard**



**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 47 – paragrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) id-disponibbiltà u l-iżvilupp ta' skemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà li jkopru kategorija speċifika tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT, jew tal-proċessi tal-ICT jew tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti u b'mod partikolari, fir-rigward tar-riskju ta' frammentazzjoni;

*Emenda*

(a) id-disponibbiltà u l-iżvilupp ta' skemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà **u standards internazzjonali u tal-industrija** li jkopru kategorija speċifika tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT, jew tal-proċessi tal-ICT jew tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti u b'mod partikolari, fir-rigward tar-riskju ta' frammentazzjoni;

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-URWP għandu jivvaluta mhux biss l-iżvilupp tal-iskemi nazzjonali, iżda anki l-istandards industrijali u internazzjonali.*

**Emenda 39**

**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skyttedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 49 - paragrafu 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) *fl-Artikolu 49, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

**7. Abbażi tal-iskema kandidata preparata mill-ENISA, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tipprevedi skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għall-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT, il-proċessi tal-ICT u s-servizzi tas-sigurtà ġestiti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 51, 52 u 54. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati**

*Emenda*

**imħassar**

*skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 66(2).;*

Or. en

#### **Emenda 40**

**Bart Groothuis, Alin Mituța, Ivars Ijabs, Andrus Ansip, Morten Løkkegaard, Nicola Danti**

#### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 49 - paragrafu 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Abbażi tal-iskema kandidata preparata mill-ENISA, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** biex tipprevedi skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għall-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT, il-proċessi tal-ICT u s-servizzi tas-sigurtà ġestiti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 51, 52 u 54. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 66(2).;***

*Emenda*

7. Abbażi tal-iskema kandidata preparata mill-ENISA, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ***delegati*** biex tipprevedi skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għall-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT, il-proċessi tal-ICT u s-servizzi tas-sigurtà ġestiti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 51, 52 u 54.

*(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha tirrikjedi tibdil korrispondenti fit-test kollu.)*

Or. en

#### **Emenda 41**

**Bart Groothuis, Alin Mituța, Ivars Ijabs, Andrus Ansip, Morten Løkkegaard, Nicola Danti**

#### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 49 – paragrafu 7a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7a. Qabel ma tadotta tali atti delegati, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ENISA, għandha twettaq u tippubblika valutazzjoni tal-impatt tal-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà proposta. Hija u tħejji l-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi u konsultazzjonijiet mal-SCCG u l-ECCG.**

Or. en

#### **Emenda 42**

**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skytvedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

#### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 49 – paragrafu 7a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

**“7a. Abbażi tal-iskema kandidata preparata mill-ENISA, il-Kummissjoni tista’ tadotta atti delegati biex tipprevedi skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 51, 52 u 54. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 66a.”**

Or. en

#### **Emenda 43**

**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skytvedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 51a – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-iżgurar li l-fornitur ikollu fis-seħħ proċeduri interni xierqa biex jiżgura li s-servizzi tas-sigurtà ġestiti jingħataw b’livell għoli ħafna ta’ kwalità f’kull ħin;

*Emenda*

(b) l-iżgurar li l-fornitur ikollu fis-seħħ proċeduri interni xierqa biex jiżgura li s-servizzi tas-sigurtà ġestiti jingħataw b’livell għoli ħafna ta’ kwalità **u affidabbiltà** f’kull ħin;

Or. en

**Emenda 44**

**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skyttedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 51a – paragrafu 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) l-iżgurar li l-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT u l-proċessi tal-ICT [u l-hardware] użati waqt il-forniment tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti jkunu siguri b’mod awtomatiku u mid-disinn, ma jkunx fihom vulnerabbiltajiet magħrufa u jinkludu l-aħħar aġġornamenti tas-sigurtà;

*Emenda*

(g) l-iżgurar li l-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT u l-proċessi tal-ICT [u l-hardware] użati waqt il-forniment tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti jkunu siguri b’mod awtomatiku u mid-disinn, **jiġu pprovduti b’software u b’hardware aġġornati**, ma jkunx fihom vulnerabbiltajiet magħrufa u jinkludu l-aħħar aġġornamenti tas-sigurtà;

Or. en

**Emenda 45**

**Evžen Tošenovský**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 51a – paragrafu 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) l-iżgurar li l-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT u l-proċessi tal-ICT **[u l-*hardware*]** użati waqt il-forniment tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti jkunu siguri b'mod awtomatiku u mid-disinn, ma jkunx fihom vulnerabbiltajiet magħrufa u jinkludu l-aħħar aġġornamenti tas-sigurtà;

*Emenda*

(g) l-iżgurar li l-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT u l-proċessi tal-ICT użati waqt il-forniment tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti jkunu siguri b'mod awtomatiku u mid-disinn, ma jkunx fihom vulnerabbiltajiet magħrufa u jinkludu l-aħħar aġġornamenti tas-sigurtà;

Or. en

**Emenda 46**

**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skytvedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b – punt ii – punt aa**

Regolament (UE) 2019/881

Artikolu 56 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) tieġu kont tal-impatt tal-miżuri fuq il-manifatturi jew il-fornituri ta' tali prodotti tal-ICT, servizzi tal-ICT, proċessi tal-ICT jew servizzi tas-sigurtà ġestiti u fuq l-utenti f'termini ta' spiża ta' dawk il-miżuri u l-benefiċċji soċjetali jew ekonomiċi li jirriżultaw mil-livell imtejjeb antiċipat ta' sigurtà għall-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT, il-proċessi tal-ICT jew is-servizzi tas-sigurtà ġestiti fil-mira;

*Emenda*

(a) tieġu kont tal-impatt tal-miżuri fuq il-manifatturi jew il-fornituri ta' tali prodotti tal-ICT, servizzi tal-ICT, proċessi tal-ICT jew servizzi tas-sigurtà ġestiti u fuq l-utenti f'termini ta' spiża ta' dawk il-miżuri u l-benefiċċji soċjetali jew ekonomiċi li jirriżultaw mil-livell imtejjeb antiċipat ta' sigurtà għall-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT, il-proċessi tal-ICT jew is-servizzi tas-sigurtà ġestiti fil-mira, ***inklużi l-SMEs. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-SMEs ikollhom aċċess għal appoġġ finanzjarju xieraq fl-implimentazzjoni tal-miżuri permezz ta' programmi tal-Unjoni diġà eżistenti;***

Or. en

**Emenda 47**

**Bart Groothuis, Alin Mituța, Ivars Ijabs, Andrus Ansip, Morten Løkkegaard, Nicola Danti**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 57 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà u l-proċeduri relatati għall-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT, il-proċessi tal-ICT u s-servizzi tas-sigurtà ġestiti li huma koperti bi skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għandhom jieqfu japplikaw mid-data stabbilita fl-att **ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 49(7)**. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà u l-proċeduri relatati għall-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT, il-proċessi tal-ICT u s-servizzi tas-sigurtà ġestiti li mhumiex koperti bi skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għandhom jibqgħu jeżistu.

*Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà u l-proċeduri relatati għall-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT, il-proċessi tal-ICT u s-servizzi tas-sigurtà ġestiti li huma koperti bi skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għandhom jieqfu japplikaw mid-data stabbilita fl-att **delegat**. L-iskemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà u l-proċeduri relatati għall-prodotti tal-ICT, is-servizzi tal-ICT, il-proċessi tal-ICT u s-servizzi tas-sigurtà ġestiti li mhumiex koperti bi skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għandhom jibqgħu jeżistu.

*(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha tirrikjedi tibdil korrispondenti fit-test kollu.)*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din tirrifletti l-emenda fl-Artikolu 49.*

**Emenda 48**

**Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera, Tomas Tobé, Maria da Graça Carvalho, Sara Skytvedal, Ivan Štefanec, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 66a (ġdid)

**(16a) jiddaħħal l-Artikolu li ġejj:**

**Artikolu 66a (ġdid)**

**Eżerċizzju tad-delega**

- 1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.**
- 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 49(7a) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturij]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiżja awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.**
- 3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 49(7a) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.**
- 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.**
- 5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah**

*simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

*6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 49(7a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

Or. en

**Emenda 49**  
**Evžen Tošenovský**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – parti introduttorja**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 67

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) fl-Artikolu 67, il-paragrafi **2 u 3** huma sostitwiti b'dan li ġej:

*Emenda*

(17) fl-Artikolu 67, il-paragrafi **1, 2, 3 u 4** huma sostitwiti b'dan li ġej:

Or. en

**Emenda 50**  
**Evžen Tošenovský**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 67 - paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1 Sat-28 ta' Ġunju 2024, u kull**



*erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tal-ENISA u ta' prattiki tax-xogħol tagħha, il-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-ENISA u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe tali modifika. L-evalwazzjoni għandha tieħu kont ta' kwalunkwe feedback pprovdut mill-ENISA b'rispons għall-attivitajiet tagħha. Fejn il-Kummissjoni tqis li l-operazzjoni kontinwa tal-ENISA ma għadhiex iġġustifikata fid-dawl tal-oġġettivi, il-mandat u l-kompiti assenjati lilha, il-Kummissjoni tista' tipproponi li dan ir-Regolament jiġi emendat fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-ENISA.*

Or. en

**Emenda 51**  
**Evžen Tošenovský**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 67 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-oġġettivi li jkun żgurat livell adegwat taċ-ċibersigurtà tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT, tal-proċessi tal-ICT u tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti fl-Unjoni u li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern.

*Emenda*

2. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-oġġettivi li jkun żgurat livell adegwat taċ-ċibersigurtà tal-prodotti tal-ICT, tas-servizzi tal-ICT, tal-proċessi tal-ICT u tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti fl-Unjoni u li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, ***inklużi valutazzjoni tal-proċeduri u skedi ta' żmien li jwasslu għat-tħejjija u l-adozzjoni tal-ewwel skemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà u kif din il-proċedura tista' tittejjeb u titħaffef għal skemi taċ-ċertifikazzjoni sussegwenti.***

**Emenda 52**  
**Evžen Tošenovský**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**  
Regolament (UE) 2019/881  
Artikolu 67 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4. Sat-28 ta' Ġunju 2024, u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tgħaddi rapport dwar l-evalwazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord ta' Tmexxija. Is-sejbiet ta' dak ir-rapport għandhom isiru pubbliċi. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, meta jkun hemm bżonn, minn proposta leġiżlattiva.***